**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**ONOR. IMHALLEF EDWINA GRIMA**

**Illum l-Erbgha 26 ta' Frar 2020**

**Att ta` l-Akkuza Nru. 8/2018**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**-Omissis-**

**Seydou Bandaogo**

**Il-Qorti :**

**1**. Rat l-Att ta' l-Akkuza imressqa quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fil-25 ta' Mejju 2018 kontra *Omissis* u l-appellant, li bis-sahha taghha l-istess Avukat Generali akkuzahom:

i. Fl-**Ewwel Kap**, illi nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), bejn il- ħamsa neqsin kwart ta' filgħodu (4:45am) u l-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), il-Pulizija stazzjonati ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan irċevew telefonata fejn ġie rrapurtat li viċin l-istabbiliment Fuego, ġewwa l-istess San Ġiljan, kien hemm tfajla li nħatfet minn zewġt irġiel ta' karnaġġjon skur, liema rġiel daħħlu bil-forza lil din l-istess tfajla ġewwa l-vettura tagħhom tal-għamla Fiat Palio u saqu biha minn fuq il-post;

Illi, il-Pulizija aċċedew fuq il-post indikat fejn hemmhekk tkellmu ma' xi nies ta' nazzjonalita' barranija li stqarrew li t-tfajla li allegatament inħatfet kienet qegħdha tgħajjat meta dawn iz-zewġ irġiel ta' karnaġġjon skur daħluwha bil-forza fil-vettura tagħhom u saqu biha minn fuq il-post;

Illi, immedjatament il-Pulizija Ezekuttiva bdiet it-tfittxija għal din il-vettura tal-għamla Fiat Palio li eventwalment instabet f'parti mwarrba ta' Pembroke. Meta avviċinaw din l-istess vettura, il-Pulizija raw persuna maskili ta' karnaġġjon skur – li wara ġie identifikat bħala l-akkuzat Seydou Bandaogo – li kien miexi viċin din il-vettura kif ukoll raw persuna oħra ta' karnaġġjon skur – li wara ġie identifikat bħala l-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi – li kien qiegħed mimdud fuq il-vittma – li wara ġiet identifikata bħala Martina Arena, tfajla ta' nazzjonalita' Taljana – u li kellu l-qalziet tiegħu imnizzel kompletament u l-parti ġenitali tiegħu esposta;

Illi, l-akkuzati ġew it-tnejn arrestati u Martina Arena, li kienet nofsha mnezza u emozzjonata ferm, ġiet meħudha l-iSptar Mater Dei sabiex tingħata l-kura medika li kienet teħtieġ;

Illi, infatti l-espert tal-Qorti Dr Mario Scerri, fil-kors tal-ezami medikolegali li għamel fil-konfront tal-vittma Martina Arena, ikkonkluda, fost affarijiet oħra, li hi kellha diversi ġrieħi fuq persuntha kif ukoll kellha evidenza ta' penetrazzjoni sfurzata;

Illi, Martina Arena stqarret mal-Pulizija illi matul il-lejl tal-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) hija kienet

marret ma' xi ħbieb tagħha ġewwa Paceville fejn hemmhekk huma bdew jixorbu xorb alkoħoliku. Stqarret li meta kienet fi triqtha lura lejn id-dar, fis-siegħat bikrin tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), hija għaddiet minn ħdejn l-istabbiliment Hugo's Terrace fejn hemmhekk kien hemm zewġt irġiel ta' karnaġġjon skur li hi ma kinitx taf u li kienu liebsin flokk blu (Emmanuel Makuochukwu Ngumezi) u flokk oranġjo (Seydou Bandaogo) rispettivament. Martina Arena stqarret li ma kinitx daqstant soda fuq saqajha minħabba li kienet għadha taħt l-influwenza tal-alkoħol u meta raw hekk, dawn iz-zewġ irġiel imbuttawha għal ġewwa l-vettura tagħhom;

Illi, Martina Arena tirrakonta li hi bdiet tgħajjat, tagħti b'idha, tagħti b'ponnijiet u tibki u li minħabba f'hekk wieħed mill-irġiel għattielha ħalqha filwaqt li l-ieħor saq u waqfu x'imkien fl-imwarrab. Hija ntilfet minn sensiha għal xi ħin u meta reġgħet ġiet f'sensiha, kienet nofsha mnezza' (kienet liebsha biss bra u flokk) u ma kinitx għadha fis-seat ta' wara tal-vettura imsemmija izda fis-seat ta' quddiem tan-naħa tal-passiġġier, b'saqajha l-barra u dahrha n-naħa tas-seat tas-sewwieq;

Illi, f'dak il-mument ir-raġel li kien liebes il-flokk blu (Emmanuel Makuochukwu Ngumezi) kien qed jistupraha, u cioe' kien qed ikollu konġunġiment karnali magħha kontra l-volonta' tagħha, billi ppenetra l-parti  ġenitali tagħha permezz tal-parti ġenitali tiegħu, filwaqt li r-raġel l-ieħor li kien liebes il-flokk l-oranġjo (Seydou Bandaogo) kien qed iħares lejhhom. Martina Arena tistqarr li bdiet tgħajjat, tibki, titlob u tagħti bis-sieq pero` xejn minn dan ma waqqaf lill-istess Ngumezi milli jkompli jistupraha;

Illi, kien biss minħabba l-intervent tal-Pulizija Ezekuttiva li Martina Arena ma baqatx tiġi stupratha mill-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi;

Illi, in oltre, mill-ezamijiet tad-DNA kondotti mill-espert tal-Qorti Dr Marisa Cassar, irrizulta illi sakemm li Martina Arena kienet mitlufa minn sensiha, l-akkuzat Seydou Bandaogo ukoll kellu konġunġiment karnali ma' l-istess Martina Arena billi ppenetra l-parti ġenitali tagħha permezz tal-parti ġenitali tiegħu, u dana ċertament mingħajr il-kunsens tagħha u kwindi kontra l-volonta' tagħha;

Illi, dan l-istupru huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt;

Illi, permezz ta' sentenza datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Emmanuel Makuochukwu Ngumezi (per Maġ. Dr Francesco Depasquale LL.D.), l-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi kien instab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċediv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċediv f'delitt, u Seydou Bandaogo saru ħatja ta' stupru vjolenti aggravat, u ċioe' talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall- ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gzejjer, bil-vjolenza, ikkommettew stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Martina Arena), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt;

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċediv f'delitt, u Seydou Bandaogo, ħatja ta' stupru vjolenti aggravat, u ċioe' talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gzejjer, bil-vjolenza, ikkommettew stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Martina Arena), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt;

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att tal-Akkuza, akkuża ukoll lil Emmanuel Makuochukwu Ngumezi li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo u:

a. Fil-kaz tal-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba' (4) snin sa tletin (30) sena, birrekluzjoni jew mingħajrha, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 198, 202(d), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużati u

b. fil-kaz tal-akkuzat Seydou Bandaogo illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba' (4) snin sa għoxrin (20) sena, bir-rekluzjoni jew mingħajrha, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 198, 202(d), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

ii. Fit-**Tieni Kap**, illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gzejjer, l-akkuzati Seydou Bandaogo u Emmanuel Makuochukwu Ngumezi ikkomettew attentat vjolenti għall-pudur ta' Martina Arena;

Illi, kif ġia espost fil-Kap preċedenti ta' dan l-Att t' Akkuza, fis-siegħat bikrin tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), il-Pulizija stazzjonati ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan irċevew telefonata fejn ġie rrapurtat li viċin l-istabbiliment Fuego, ġewwa l-istess San Ġiljan, kien hemm tfajla li nħatfet minn zewġt irġiel ta' karnaġġjon skur, liema rġiel daħħlu bil-forza lil din l-istess tfajla ġewwa l-vettura tagħhom tal-għamla Fiat Palio u saqu biha minn fuq il-post;

Illi, immedjatament il-Pulizija Ezekuttiva bdiet it-tfittxija għal din il-vettura tal-għamla Fiat Palio li eventwalment instabet f'parti mwarrba ta' Pembroke. Meta avviċinaw din l-istess vettura, il-Pulizija raw persuna maskili ta' karnaġġjon skur – li wara ġie identifikat bħala l-akkuzat Seydou Bandaogo – li kien miexi viċin din il-vettura kif ukoll raw persuna oħra ta' karnaġġjon skura – li wara ġie identifikat bħala l-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi – li kien qiegħed mimdud fuq il-vittma – li wara ġiet identifikata bħala Martina Arena, tfajla ta' nazzjonalita' Taljana –

u li kellu l-qalziet tiegħu imnizzel kompletament u l-parti ġenitali tiegħu esposta;

Illi, l-akkuzati ġew it-tnejn arrestati u Martina Arena, li kienet nofsha mnezza u emozzjonata ferm, ġiet meħudha l-iSptar Mater Dei sabiex tingħata l-kura medika li kienet teħtieġ;

Illi, infatti l-espert tal-Qorti Dr Mario Scerri, fil-kors tal-ezami medikolegali li għamel fil-konfront tal-vittma Martina Arena, ikkonkluda, fost affarijiet oħra, li hi kellha diversi ġrieħi fuq persuntha kif ukoll kellha evidenza ta' penetrazzjoni sfurzata;

Illi, wara li nstabet il-vettura in kwistjoni, Martina Arena ġiet mitkellma mill-Pulizija fejn hija rrakuntat minn xiex kienet għaddiet matul il-lejl ta' bejn il- ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u s-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), li matulu kienet filfatt ġiet assaltata u stuprata mill-akkuzati Seydou Bandaogo u Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, kif ġia deskritt fil-Kap preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuza. In suċċint, hija stqarret li kienet filfatt inħatfet mill-akkuzati li ħaduha f'post imwarrab u li pproċedew sabiex ikollhom konġunġiment karnali magħha, u dana kontra lvolonta' tagħha;

Illi, dan l-attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Martina Arena, huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt;

Illi, permezz ta' sentenza datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Emmanuel Makuochukwu Ngumezi (per Maġ. Dr Francesco Depasquale LL.D.), l-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi kien instab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċediv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċediv f'delitt, u Seydou Bandaogo saru ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gzejjer, ikkommettew attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Martina Arena, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċediv f'delitt, u Seydou Bandaogo, ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gzejjer, ikkommettew attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Martina Arena, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt.

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att tal-Akkuza, jakkuża ukoll lil Emmanuel Makuochukwu Ngumezi li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo u:

> a. Fil-kaz tal-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa sentejn, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 207, 202(g), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat; u
>
> b. fil-kaz tal-akkuzat Seydou Bandaogo illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa tmintax (18) -il xahar, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 207, 202(g), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

iii. Fit-**Tielet Kap**, illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' nhar is-sittax (16) ta' Lulju tassena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-

Gzejjer, l-akkuzati Seydou Bandaogo u Emmanuel Makuochukwu Ngumezi offendew il-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku;

Illi, kif ġia espost fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t' Akkuza, nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), l-akkuzati ħatfu lil Martina Arena u pproċedew li jkollhom konġunġiment karnali magħha, u dana kontra l-volonta' tagħha;

Illi, dan l-aġir sar ġewwa vettura ġewwa Pembroke, u ċioe f'post espost għall-pubbliku;

Illi, permezz ta' sentenza datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Emmanuel Makuochukwu Ngumezi (per Maġ. Dr Francesco Depasquale LL.D.), l-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi kien instab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċediv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċediv f'delitt, u Seydou Bandaogo saru ħatja talli nhar is-Sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gzejjer, offendew il-pudur jew il-morali b'eghmil (listupru vjolenti ta' Martina Arena) li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċediv f'delitt, u Seydou Bandaogo, ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gzejjer, offendew il-pudur jew il-morali b'eghmil (l-istupru vjolenti ta' Martina Arena) li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku.

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap

ta' l-Att tal-Akkuza, akkuża ukoll lil Emmanuel Makuochukwu Ngumezi li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo u:

a. Fil-kaz tal-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija mhux izjed minn sitt (6) xhur u multa, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 209, 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat; u

b. fil-kaz tal-akkuzat Seydou Bandaogo illi jiġi kkundannat għallpiena ta' priġunerija għal zmien mhux izjed minn tliet (3) xhur u multa, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 209, 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

iv. Fir-**Raba' Kap**, illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (05:30am), waqt l-inċident deskritt aktar il-fuq, u ċioe waqt li l-akkuzati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo kienu qed jistupraw lil Martina Arena kontra l-volonta' tagħha, hija soffriet ukoll ġrieħi ta' natura ħafifa konsegwenza ta' din l-istess aggressjoni;

Illi, meta Martina Arena ġiet meħudha l-iSptar Mater Dei sabiex tingħata l-kura medika li kienet teħtieġ, l-espert tal-Qorti Dr Mario Scerri, fil-kors tal-ezami medikolegali li għamel fil-konfront tagħha, ikkonkluda, fost affarijiet oħra, li hi kellha abbrazjonijiet fuq in-naħa tal-lemin tad-dahar li kienu kompattibli ma' grif kif ukoll abrazjonijiet assoċjati ma' dbenġila ta' kulur vjola fuq in-naħa tax-xellug tad-dahar li kienu kompattibli ma' blunt trauma. In oltre, irrizulta ukoll li kellha abbrazjoni *at 3 o'clock* fuq il-*labia minora* li tista' tindika illi seta' kien hemm xi forma ta' penetrazzjoni sfurzata;

Illi, dawn il-ġrieħi subiti minnha kienu kklasifikati bħala ġrieħi ħfief;

Illi, permezz ta' sentenza datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Emmanuel Makuochukwu Ngumezi (per Maġ. Dr Francesco Depasquale LL.D.), l-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi kien instab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċediv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċediv f'delitt, u Seydou Bandaogo saru ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gzejjer, ikkaġunaw offizi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Martina Arena.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmija Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċediv f'delitt, u Seydou Bandaogo, ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gzejjer, ikkaġunaw offizi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Martina Arena.

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att tal-Akkuza, akkuża ukoll lill-Emmanuel Makuochukwu Ngumezi li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo u:

a. Fil-kaz tal-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija mhux izjed minn sitt (6) xhur jew multa, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 221(1), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet

ta’ Malta, jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta’ limsemmi akkużat; u

b. fil-kaz tal-akkuzat Seydou Bandaogo illi jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal zmien mhux izjed minn tliet (3) xhur jew multa, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 214, 215, 221(1), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

v. Fil-Hames Kap, illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, lok u fatti żmien imsemmija fil-Kapi preċedenti ta’ dan l-Att ta’Akkuża, u ċioe’ nhar is-sittax (16) ta’ Lulju tassena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta’ filgħodu (5:30am), f’dawn il-Gzejjer, l-akkuzati Seydou Bandaogo u Emmanuel Makuochukwu Ngumezi serqu lil Martina Arena bil-vjolenza, bil-ħsieb li jabbuzaw minnha;

Illi, kif ġia espost fil-Kapi preċedenti ta’ dan l-Att t’Akkuza, nhar is-sittax (16) ta’ Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), bejn il-ħamsa neqsin kwart ta’ filgħodu (4:45am) u l-ħamsa u nofs ta’ filgħodu (5:30am), il-Pulizija stazzjonati ġewwa l-Għassa ta’ San Ġiljan irċevew telefonata fejn ġie rrapurtat li viċin l-istabbiliment Fuego, ġewwa l-istess San Ġiljan, kien hemm tfajla li nħatfet minn zewġt irġiel ta’ karnaġġjon skura, liema rġiel daħħlu bil-forza lil din l-istess tfajla ġewwa l-vettura tagħhom tal-għamla Fiat Palio u saqu biha minn fuq il-post;

Illi, wara li nstabet il-vettura in kwistjoni, Martina Arena ġiet mitkellma mill-Pulizija fejn hija rrakuntat minn xiex kienet għaddiet matul il-lejl ta’ bejn il- ħmistax (15) ta’ Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u s-sittax (16) ta’ Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), li matulu kienet filfatt ġiet stuprata mill-akkuzati Seydou Bandaogo u Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, kif ġia` deskritt fil-Kapi preċedenti ta’ dan l-Att t’Akkuza. In suċċint, hija stqarret li kienet filfatt inħatfet mill-akkuzati li ħaduha f’post imwarrab u li pproċedew sabiex ikollhom konġunġiment karnali magħha, u dana kontra l-volonta’ tagħha;

Illi, dan ir-reat, u ċioe li l-akkuzati serqu persuna (Martina Arena) bil-vjolenza, bil-ħsieb li jabbuzaw minnha, huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt;

Illi, permezz ta’ sentenza datata tlieta u għoxrin (23) ta’ Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Emmanuel Makuochukwu Ngumezi (per Maġ. Dr Francesco Depasquale LL.D.), l-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi kien instab ħati ta’ reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċediv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b’għemilhom, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċediv f’delitt, u Seydou Bandaogo saru ħatja talli nhar is-sittax (16) ta’ Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta’ filgħodu (5:30am), f’dawn il-Gzejjer, serqu persuna (Martina Arena) bil-vjolenza, bil-ħsieb li jabbuzaw minnha, b’dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt.

Illi, di piu’, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar ‘l fuq f’dan il-Kap ta’ l-Att ta’ Akkuża, akkuża lill-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċediv f’delitt, u Seydou Bandaogo, ħatja talli nhar is-sittax (16) ta’ Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta’ filgħodu (5:30am), f’dawn il-Gzejjer, serqu persuna (Martina Arena) bil-vjolenza, bil-ħsieb li jabbuzaw minnha, b’dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt.

L-Avukat Ġenerali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar ‘l fuq f’dan il-Kap ta’ l-Att tal-Akkuza, akkuża ukoll lil Emmanuel Makuochukwu Ngumezi li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo u:

a. Fil-kaz tal-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi illi jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija minn sentejn sa’ sitt (6) snin, bir-rekluzjoni jew 11 mingħajrha, u dana

skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 199(1), 202(g), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat; u

b. fil-kaz tal-akkuzat Seydou Bandaogo illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sentejn sa' ħames (5) snin, bir-rekluzjoni jew mingħajrha, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 199(1), 202(g), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

vi. Fis-**Sitt Kap**, illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' nhar is-sittax (16) ta' Lulju tassena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gzejjer, l-akkuzati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo arrestaw, zammew jew issekwetraw lil Martina Arena kontra l-volonta' tagħha;

Illi, kif ġia espost fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuza, l-akkuzati ħatfu lil Martina Arena kontra l-volonta tagħha, ħaduha f'post imwarrab u pproċedew sabiex ikollhom konġunġiment karnali magħha u dana kontra l-volonta' tagħha. Matul dan l-aġir kollu fil-konfront tagħha, hija ma setgħetx taħrab jew titlaq minn fuq il-post u kienet mizmuma bil-forza kontra r-rieda tagħha;

Illi, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo ma kellhom ebda ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti u lanqas kellhom s-setgħa bil-liġi li jarrestaw, jżommu, jew jissekwestraw lil Martina Arena kontra l-volonta' tagħha;

Illi, permezz ta' sentenza datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Emmanuel Makuochukwu Ngumezi (per Maġ. Dr Francesco Depasquale LL.D.), l-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi kien instab ħati ta' reat/i kriminali, u għaldaqstant huwa ukoll reċediv għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċediv f'delitt, u Seydou Bandaogo saru ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gzejjer, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew, jew issekwestraw persuna (Martina Arena) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Martina Arena) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkużat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmija Emmanuel Makuochukwu Ngumezi, reċediv f'delitt, u Seydou Bandaogo ħatja talli nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5:30am), f'dawn il-Gzejjer, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw persuna (Martina Arena) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Martina Arena) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att tal-Akkuza, akkuża ukoll lil Emmanuel Makuochukwu Ngumezi li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati Emmanuel Makuochukwu Ngumezi u Seydou Bandaogo u:

a. Fil-kaz tal-akkuzat Emmanuel Makuochukwu Ngumezi illi jkunu kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tmintax (18) -il xahar sa' sitt (6) snin, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87(1)(ġ), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat; u

b. fil-kaz tal-akkuzat Seydou Bandaogo illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tmintax (18) -il xahar sa' ħames (5) snin, u dana skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 86, 87(1)(ġ), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**2**. Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Settembru 2019 li bis-sahha taghha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-gurati tal-11 ta' Settembru 2019' li bih:

**B'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lil Emanuel Makuochukwo Ngumezi mhux hati tal-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuza u bi 13 tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Seydou Bandagao hati tal-Ewwel kap tal-Att ta' Akkuza bl-aggravant li l-istupru kien kommess minn tnejn min nies li ghenu lil xulxin fl-esekuzzjoni tad-delitt;**

**B'seba (7) voti favur u bi tnejn (2) voti kontra sabu lil Emanuel Makuochukwo Ngumezi hati tat-Tieni Kap tal-Att ta' Akkuza bl-aggravant li l-attentat vjolenti ghall-pudur kien kommess minn tnejn minn nies li ghenu lil xulxin fl-esekuzzjoni tad-delitt u bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Seydou Bandagao hati tat-Tieni Kap tal-Att ta' Akkuza bl-aggravant li l-attentat vjolenti ghall-pudur kien kommess minn tnejn minn nies li ghenu lil xulxin fl-esekuzzjoni tad-delitt;**

**B'seba (7) voti favur u bi tnejn (2) voti kontra sabu lil Emanuel Makuochukwo Ngumezi hati tat-Tielet Kap tal-Att ta' Akkuza u bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Seydou Bandagao hati tatTielet Kap tal-Att ta' Akkuza;**

**B'mod unanimu sabu lil Emanuel Makuochukwo Ngumezi mhux hati tar-Raba' Kap tal-Att ta' Akkuza u b'seba (7) voti favur u bi tnejn (2) voti kontra sabu lil Seydou Bandagao mhux hati tar-Raba Kap tal-Att ta' Akkuza;**

**B'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lil Emanuel Makuochukwo Ngumezi mhux hati tal-Hames Kap tal-Att ta' Akkuza u b'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lil Seydou Bandagao mhux hati tal-Hames Kap tal-Att ta' Akkuza;**

**Bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Emanuel Makuochukwo Ngumezi hati tas-Sitt Kap tal-Att ta' Akkuza u bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Seydou Bandagao hati tas-Sitt Kap tal-Att ta' Akkuza;**

**Rat illi wara l-qari tal-verdett, Emanuel Makuochukwu Ngumezi ma kkontestax l-addebitu tar-recidiva kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Settembru, 2019 kif registrat wara li l-Qorti ordnat li jkun registrat il-verdett.**

**3**. Rat illi l-Ewwel Qorti wara li:

a. fil-konfront Emanuel Makuochukwu Ngumezi rat l-artikoli 17(b) , 86, 87(1)(ġ), 49 u 50, 202(d), 207, 209, tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 u;

b. **fil-konfront ta' Seydou Bandaogo rat l-artikoli 17(b), 86, 87 (1)(g) 198, 202(d), 207 u 209, tal-Kodici Kriminali, Kap. 9**; ikkundannat lill Emanuel Makuochukwu Ngumezi ghal terminu komplessiv ta' hames (5) snin u xahar (1) prigunerija u lil **Seydou Bandaogo ghal terminu komplessiv ta' ghoxrin (20) sena prigunerija**. Ordnat wkoll lill-hatja li fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jhallsu l-ispejjez inkorsi tal-perizji fl-ammont ta' tmien t'elef, mitejn u erba' Ewro punt zewg centezmi (€8,204.02), b'kull wiehed mill-hatja ikkundannat li jhallas l-ammont ta' erbat elef, mija u zewg Ewro punt centezmu (€4,102.01) u dan fi zmien sittin jum mill-lum konvertiti minnufih fi prigunerija f'kaz li jonqos milli jhallsu dan l-ammont;

**4.** Rat ir-rikors tal-appell tal-akkuzat Seydou Bandaogo ipprezentat fit-02 ta' Ottubru 2019 fejn talab lil din il-Qorti fl-ewwel lok illi l-verdett moghti mill-gurati jigi dikjarat bhala wiehed mhux registrabbli u ghaldaqstant din il-Qorti tal-Appell ghandha tiddikjara li l-verdett ma kienx registrabbli u konsegwentement tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-kapi kollha tal-akkuzi jew li l-guri jigi dikjarat xjolt bil-konsegwenza ta' dikjarazzjoni ta' *mistrial*. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, din il-Qorti tal-Appell ghandha tiddikjara lill-appellant mhux hati fuq il-kapi kollha tal-akkuza, u fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-suespost din il-Qorti tal-Appell hija mitluba taghti piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi.

**5**. Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali pprezentata fis-17 ta' Dicembru 2019 fejn iddikjara illi din il-Qorti ghandha tirrespingi l-aggravji kollha tal-appellant u tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali nhar it-12 ta' Settembru 2019.

**6**. Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar 2020 fejn il-Qorti halliet l-appell ghas-sentenza limitatament fuq l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant.

**7**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**8**. Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**9**. Illi l-ewwel aggravju ta' indoli preliminari u procedurali sollevat mill-appellant huwa fis-sens illi l-verdett tal-gurati moghti fil-konfront tieghu huwa null u bla effett billi kien wiehed mhux skont il-ligi u

ghalhekk mhux registrabbli bit-talba konsegwenzjali illi l-guri ghandu jsir mill-gdid. Dan ghaliex gjaldarba il-ko-akkuzat Emmanuel Ngumezi gie illiberat mill-ewwel kap tal-att ta'l-akkuza li kien jitratta r-reat tal-istupru aggravat billi kommess minn tnejn minn nies li ghenu lil xulxin fl-esekuzzjoni tad-delitt, l-appellant konsegwenzjalment ma setax jinstab hati ta' din l-akkuza kif ifformulata mill-Avukat Generali billi sabiex dan ir-reat, kif aggravat, seta' jissussisti fil-konfront tieghu necessarjament iz-zewg akkuzati, mixlija fl-istess att tal-akkuza bl-istess reati, kellhom jinstabu hatja ta' dan id-delitt. Il-verdett allura huwa wiehed null u l-guri kellu jigi xjolt.

Ikkunsidrat:

**10**. Illi huwa pacifiku illi l-Avukat Generali ghogbu jixli lill-appellant flimkien mal-ko-akkuzat Ngumezi fl-istess Att tal-Akkuza b'din tigi maqsuma f'aktar minn kap wiehed li permezz taghhom Ngumezi u Bandaogo gew akkuzati b'diversi reati b'dak ewlieni jkun id-delitt ta'l-istupru vjolenti u aggravat fit-termini tal-artikolu 202(d) tal-Kodici Kriminali. Issa qabel kull konsiderazzjoni dwar l-ilment imqanqal mill-appellant, il-Qorti tirrileva illi l-Artikolu 481 tal-Kodici Kriminali jirregola kif ghandu jinghata il-verdett fic-cirkostanza meta fl-Att ta'l-Akkuza jigu mixlija iktar minn akkuzat wiehed fejn din tinqasam f'diversi kapi, b'kull kap ihaddan fih x-xilja ghal reat separat 'il wiehed mill-iehor:

> **"Jekk fl-istess att ta' akkuża jkun miġjub aktar minn reat wieħed, jew jekk l-akkużati fil-kawża jkunu tnejn jew iżjed, il-ġuri għandu jagħti verdett separat fuq kull reat u għal kull akkużat."**

**11**. Dan ifisser illi l-verdett moghti fil-konfront tal-appellant ghal kull reat lilu addebitat ghandu jinqara separatament minn dak tal-ko-akkuzat tieghu, bil-verdett moghti ghall-ewwel Kap ta'l-Att ta'l-Akkuza li jitkellem dwar id-delitt ta'l-istupru aggravat fil-konfront ta'l-appellant ghandu jinqara indipendentement mill-verdett moghti ghar-reati l-ohra u dak moghti ukoll fil-konfront tal-ko-akkuzat Ngumezi.

**12**. Illi jibda biex jinghad illi ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar il-validita' tal-verdett moghti ghar-reati l-ohra imhaddna fit-Tieni sas-Sitt Kapi tal-Att ta'l-Akkuza. Huwa pacifiku allura illi dawn gew moghtija skont il-ligi.

**13**. L-appellant u l-ko-akkuzat l-iehor huma mixlija fl-ewwel kap ta'l-att ta'l-akkuza bir-reat tal-istupru aggravat, kif inghad, billi kienu meghjuna minn persuna ohra fil-kummissjoni ta'l-istess. Il-verdett ghal dan ir-reat fil-konfront tal-ko-akkuzat Ngumezi kien wiehed liberatorju. Il-verdett fil-konfront tal-appellant kien wiehed ta' htija u jaqra hekk testwalment:

> **"Il-gurati bi 8 voti favur u 1 kontra isibu lil Seydou Bandaogo HATI ta'l-Ewwel Kap ta'l-Att ta'l-Akkuza, <u>bl-aggravant</u> li l-istupru gie kommess minn tnejn minn nies li ghenu lil xulxin fl-esekuzzjoni tad-delitt."**

**14**. Ghall-appellant dan il-verdett huwa wiehed null ghaliex huwa konfliggenti mal-verdett l-iehor moghti fil-konfront tal-ko-akkuzat Ngumezi li kien wiehed ta' liberazzjoni. Dan fil-fehma tieghu jwassal ghall hekk imsejjah *mistrial* bil-guri allura ghandu jsir mill-gdid. Id-decizjoni tal-Qorti fil-fatt f'dan l-istadju ser tindirizza biss dan l-ilment

u cioe' jekk il-verdett ghandux jigi annullat bl-appellant jerga' jigi iggudikat mill-gdid ghall-akkuzi lilu addebitati fl-Att ta'l-Akkuza.

**15**. Illi dan il-punt ta' dritt dwar il-validita' tal-verdett gie mqanqal u dibattut quddiem il-Qorti Kriminali u dan meta, wara l-qari tal-verdett mill-Prim'Gurat, il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi l-verdett ma kienx registrabbli u d-difiza tal-appellant irregistrat l-inkompatibilita' ta'l-istess u n-nuqqas ta' logika espress mill-gurati. Illi l-Ewwel Qorti wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fuq dan il-punt, madanakollu ordnat illi l-verdett jigi rregistrat a tenur tal-artikolu 474 tal-Kodici Kriminali.

**16**. Issa, kif inghad, ma jidhirx illi l-verdett ghall-Ewwel Kap ta'l-Att ta'l-Akkuza gie moghti bi vjolazzjoni ta'l-artikolu 481 tal-Kodici Kriminali hawn fuq iccitat. Kif ma jidhirx lanqas illi l-verdett kien wiehed mhux komplut, u dan kif ikkontemplat fl-artikolu 479 tal-Kodici Kriminali[1]. Huwa biss meta il-verdett ma jkunx wiehed komplut illi l-Qorti Kriminali ghandha tiddikjarah bhala wiehed mhux registrabbli u ghalhekk tinvita lil gurati jirrikunsidraw il-verdett taghhom u tibaghthom ghal deliberazzjoni ulterjuri.

> **"Il-Kodici Kriminali jimponi procedura specjali li ghandha tigi segwita biex jigi rregistrat verdett validu. Infatti bl-artikolu 474 meta l-guri jkunu waslu ghal verdett, il-prim'gurat ghandu jaqra' bil-miftuh il-verdett li ghalih ikun wasal il-guri u jaghti l-verdett f'idejn ir-registratur sabiex dan jirregistrah. …**
>
> **Minn ezami ta` l-artikoli 473 sa 493 tal-Kodici Kriminali, jidher ovvju li meta tirrizulta xi mankanza fil-verdett tal-gurati kif irritornat, isir dak kollu necessarju biex jekk l-**

[1] Fil-każijiet kollha li fihom il-ġuri jkun meħtieġ jieħu x ideliberazzjoni oħra sabiex din tagħmel komplut il-verdett, il-qorti tordna li l-verdett ma jiġix irreġistrat sakemm ma jkunx komplut

**istess verdett mhux kif tridu l-ligi - cjoe` jekk mhux komplet jew komplut, jekk mhux car, jekk jirrikjedi xi elucidazzjoni jew deliberazzjoni ulterjuri, jekk mhux sorrett mill-minimu ta` voti necessarji - isir dak kollu necessarju biex jinstab ir-rimedju halli l-verdett isir kif tridu l-ligi u jkun jista` debitament irregistrat.**

**Imkien mil-ligi ma hemm ikkontemplat id-dritt tal-qorti li tiddikjara l-verdett null u tghaddi biex ixxolji l-guri jekk mhux fil-kaz biss meta assolutament ma jistax jigi rregistrat verdett skond il-ligi bhal meta l-gurati jibqghu ma jistghux jilhqu maggoranza naha jew ohra.....**

**B'verdett il-ligi evidentement qed tifhem id-decizjoni ta' htija o meno milhuqa mill-gurati skond il-ligi u fil-forma li trid il-ligi. Jekk ikun hemm decizjoni milhuqa pero espressa b'mod inkomplet, il-verdett ma jkunx komplut. .... Fi kliem iehor ghall-fini tal-artikolu imsemmi (479), b'verdett din il-Qorti tifhem id-decizjoni cara u kompleta tal-gurija fuq il-htija pprezentata fil-forma li trid il-ligi u sakemm dawn il-kwalitajiet ma jkunux jikkonkorru ma jistax jinghad li l-verdett huwa komplut. Ghalhekk id-dover tal-qorti f'kaz bhal dan ikun proprju li ma tirregistrax il-verdett u taghti dik id-direzzjoni mehtiega lill-gurati biex jikkompletaw l-ezercizzju taghha billi jirritornaw verdett komplut[2].”**

**17**. Afferrati dawn il-principji dottrinali huwa evidenti illi f'dan il-kaz ma hemmx in-nullita' tal-verdett, izda, semmai dak li kellha taghmel l-Ewwel Qorti kien li tara li jsir dak kollu necessarju u permessibbli biex il-verdett ikun jista' jigi rregistrat. Dan maghdud, madanakollu ma kien hemm xejn fil-verdett kif ritornat li b'xi mod kellu jwassal lill-Ewwel Qorti tistieden lil gurati ghal deliberazzjoni mill-gdid u dan ghaliex fil-fehma tal-partijiet kien kontradittorju mal-verdett moghti fil-konfront tal-ko-akkuzat Ngumezi ghall-Ewwel Kap ta'l-Att tal-Akkuza. Kieku l-Ewwel Qorti kellha taghmel dan allura kienet tkun qed

---

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Nazzareno sive Reno Mercieca u Gaetano Scerri (App. Sup. 15/05/1995)

tistieden lil gurati ibiddlu l-verdett taghhom billi tindikalhom hi kif kellhom jiddeciedu fuq il-fatti tal-kaz. Issa jekk dan il-verdett kienx wiehed "*safe and satisfactory*" jew skont il-ligi, huwa wiehed mill-punti li ghandu jigi determinat issa fi stadju ta' revizjoni billi l-Qorti tikkonferma jew tvarja l-verdett moghti, jew inkella tordna li jsir il-guri mill-gdid, kif qed jitlob l-appellant u dan fit-termini tas-setghat lilha moghtija skont il-ligi fl-artikolu 501(1) u 508 tal-Kodici Kriminali.

**18**. Issa f'dan il-kaz jidher illi l-verdett moghti kien wiehed komplut kemm fis-sustanza tieghu kif ukoll fil-forma. L-akkuza li kellha tigi determinata kienet dik marbuta mar-reat tal-istupru u dan kif mahsub fl-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali. L-aggravanti ghar-reat fit-termini ta'l-artikolu 202(d), huwa tali illi, jekk ic-cirkostanza hemmhekk infraskritta tigi determinata mill-fatti tal-kaz, allura jrid jkun hemm iz-zieda fil-piena izda mhux il-liberazzjoni mill-kummissjoni tar-reat addebitat. Illi l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar dak li ghandu ikun fiha l-att ta'l-akkuza meta fis-sub-inciz (b) li jikkontempla l-parti narrattiva ta'l-att ta'l-akkuza hemm dispost illi l-Avukat Generali:

> **"ghandu fisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, <u>flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena</u>.[3]"**

**19**. Dan ifisser ghalhekk illi l-ewwel u qabel kollox l-gurati kellhom jistabbilixxu jekk l-appellant kienx hati tar-reat ta'l-istupru, u jekk fl-affermattiv imbaghad ighaddu biex jistabbilixxu jekk mic-cirkostanzi ta' fatt imressqa quddiemhom jirrizultax l-aggravanti imsemmi fis-sub-

[3] Sottolinjar tal-Qorti

inciz (d) ghall-artikolu 202 tal-Kodici Kriminali, liema disposizzjoni tal-ligi ma jikkontemplax ir-reat, izda biss l-aggravanti fil-piena. Issa jekk il-gurati wasslux ghal sejbien ta’ htija erronju fuq dawn ic-cirkostanzi ta’ fatt, kif jikkontendi l-appellant fl-aggravvji l-ohra minnu ntentati, huwa punt li irid jigi determinat fil-kors tas-smigh tal-appell, izda certament ma jwasslax ghal nullita tal-verdett moghti.

**20**. Illi allura lanqas r-rimedju mitlub minnu kif ippostulat fl-ewwel talba kontenuta fir-rikors tal-appell, ma huwa moghti fic-cirkostanzi. Illi din il-Qorti tordna li l-kawza ssir mill-gdid fit-termini tal-artikolu 508 tal-Kodici Kriminali meta l-interessi tal-gustizzja hekk jenhtiegu. Issa f’dan il-kaz il-verdett marbut mal-Kapi l-ohra fl-Att ta’l-Akkuza huwa komplut u validu. Kif inhu ukoll l-verdett moghti ghall-Ewwel Kap ta’l-Att tal-Akkuza li huwa wiehed ta’ htija ghar-reat ta’ stupru fuq il-persuna ta’ Martina Arena. Illi hija il-fehma tal-appellant illi d-decizjoni tippekka biss fejn instabet htija ghall-aggravanti u dan billi l-ko-akkuzat Ngumezi ma giex misjub hati li stupra lil Arena, izda biss li ikkometta attent vjolenti fuq il-pudur taghha. Illi hija fis-setgha ta’ din il-Qorti illi tvarja jew tirrevoka dak il-verdett jekk jinsab illi jikkonkorru wahda mic-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 501(1) tal-Kodici Kriminali u dan minghajr il-htiega li l-guri jerga’ isir mill-gdid. Illi ukoll ghal-ekonomija tal-gudizzju l-Qorti tara illi ghandhom jigu ppreservati l-validita’ tal-atti u tal-process gudizzjarju kollu, bl-appellant jista’ jigi moghti r-rimedju minnu imfittex, jekk l-appell tieghu jigi milqugh minn din il-Qorti minghajr il-htiega li jigi pprocessat mill-gdid.

**21**. Illi fil-fatt is-subartikolu (1) tal-artikolu 501 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:-

**"(1) Fuq appell kontra dikjarazzjoni ta' htija l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghandha tilqa' l-appell –**

**jekk jidhrilha li l-appellant kien gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza; jew**
**jekk jidhrilha li kien hemm irregolarita` matul il-kawza, jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi, li seta' kellha influwenza fuq il-verdett:**

**Izda l-qorti tista', minkejja li tkun tal-fehma illi l-punt imqajjem fl-appell skond il-paragrafu (b) jista' jkun deciz favur l-appellant, tichad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja".**

**22.** Illi il-qafas tal-aggravji tal-appellant jinsab f'din id-disposizzjoni tal-ligi, bil-Qorti allura msejjha biex tqies jekk bil-verdett milhuq jezistux in-nuqqasijiet ravvizati f'dan l-artikolu tal-ligi u ukoll, jekk dan jirrizulta, kienx hemm nuqqas fl-amministrazzjoni tal-gustizzja.

**"Ghalkemm il-ligi taghna fl-artikolu 501(1) (b) tal-Kodici Kriminali (Kap 9) juza il-kliem "irregolarita` tul il-kawza", din l-irregolarita` trid tkun wahda materjali, u cioe`, ta' certa portata. Dan jemergi mill-kliem l-iehor li l-istess artikolu juza u cioe` "li seta' kellha influwenza fuq il-verdett". Din hi ukoll il-posizzjoni kif tirrizulta mill-gurisprudenza, minn fejn jidher car li il-qrati taghna dejjem hadu l-linja li l-irregolarita` lamentata trid tkun wahda materjali biex twassal ghat-thassir tal-verdett."**

**Illi principju iehor ta' importanza huwa, li fejn hu possibbli, l-irregolarita` ghandha tirrizulta mill-verbali tal-atti processwali u li fejn kien possibli ghad-difiza li tirregistra l-opposizzjoni taghha dan tkun ghamlitu.**

**F'dan l-ezercizzju t-test huwa jekk effettivament jistax jinghad li minkejja l-mankanza jew mankanzi li setghu jirrizultaw li saru fil-kors tal-guri, hemmx b'dan kollu kaz qawwi bizzejjed kontra l-appellant biex gurija ragonevoli, proprjament diretta, kienet xorta wahda tasal ghad-dikjarazzjoni ta' htija.**

> **Essenzjalment, ghalhekk, fil-verita` hemm konvergenza bejn dan l-aspett ta' "miscarriage of justice" u dak ta' jekk l-appellant giex misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza.[4]"**

**23**. Stabbilit kwindi illi ma tirrizultax in-nullita' tal-verdett moghti mill-gurija u stabbilit illi lanqas ma hemm lok ghall-applikazzjoni tal-artikolu 508 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tichad l-ewwel aggravju mqanqal mill-appellant u dan minghajr pregudizzju ghal kumplament tal-aggravji minnu ventilati marbuta kemm mal-mertu, kif ukoll mal-piena inflitta.

**Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel aggravju u l-ewwel talba mressqa 'il quddiem mill-appellant fir-rikors tal-appell u tordna il-prosegwiment tas-smigh tal-appell fuq l-aggravji rimanenti.**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**ONOR. IMHALLEF EDWINA GRIMA**

---

[4] Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina App.Sup. 24/04/2003